MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru 171/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri**
**Spettur Joseph Busuttil)**

**vs.**

**Bjorn Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Bjorn Borg ta’ disgha u ghoxrin (29) sena, bin il-mejjet Joseph Borg u l-mejta Doris nee’ Monreal, imwieled nhar l-20 ta’ Jannar 1983 gewwa l-Pieta’, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 83283M u joqghod “Lux Mansions”, Maisonette 1, Triq Ruzar Briffa, Mosta, akkuzat talli;

1. F’xi hin fil-lejl ta’ bejn it-8 u 9 ta’ Frar 2012 ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu, minn go garaxx li jifforma

parti mir-residenza ‘Medaow Vale’ li tinsab fi Triq l-Isperanza, Mosta, ikkommetta serq ta’ diversi affarijiet fosthom tnax (12) il-flixkun *whiskey*, sitt euros (€6) f’muniti, pakkett sigaretti u flixkun fwieha ghad-dannu ta’ George Muscat mill-Mosta u jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin u bix-xorta tal-haga musruqa.

2. Nhar l-14 ta’ Jannar 2012 f’xi hin matul il-gurnata huwa seraq zewg cilindri tal-gass li kienu jinsabu fil-parapett tar-residenza `Villa Camelia` liema serq huwa aggravat bil-lok u sar ghad-dannu ta’ John Camilleri.

Il-Qorti giet mituba sabiex, f’kaz ta’ htija, titratta mal-imputat bhala recidiv b’diversi sentenzi li llum saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, f’kaz ta’ htija, giet mitluba sabiex tahseb ghas-sigurta tal-vittmi u dan skont kif hemm mahsub fl-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u li hu kkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom: <u>fuq naha wahda</u>, in-natura tar-reati addebitati lill-imputat,

il-fedina penali tal-imputat, il-fatt li huwa kkometta serqa fl-istess post li huwa kien diga kkommetta serqa ohra ghal liema kien ghadu kemm skonta l-piena ta' prigunerija, u fuq in-naha l-ohra, l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat ghandu problema tad-droga

**Ikkunsidrat**

Illi m'hemmx dubju li, in vista ta' dak kommess mill-imputat ftit tal-jiem biss wara li hareg mill-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li timponi piena karcerarja, pero hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinghata kull ghajnuna necessarja sabiex jeghleb il-problema tad-droga u dan sabiex jigi evitat li huwa jwettaq azzjonijiet kriminuzi.
Ghaldaqstant, il-Qorti, fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(e), 261(f), 261(g), 263, 267, 269(g), 270, 271, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Bjorn Borg hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sebgha u ghoxrin (27) xahar prigunerija.

In fine, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca l-programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Kopja ta' din is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------